MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
JOSETTE DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2013

Numru 52/2013

**Il-Pulizija
(Supretendent Simon Galea)
(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**Vs**

**Paul Said,** ta' 55 sena, iben Coronato u Angelina nee' Buttigieg, imwieled il-Qala, Ghawdex, nhar is-17 ta' Ottubru 1957 u residenti fil-fond No. 50, Triq il-Wileg, Qala Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 6574G

**U**

**Anthony Mercieca** ta' 47 sena, iben George u Mary nee' Cassar, imwieled ir-Rabat, Ghawdex, nhar l-14 ta' April 1966 u residenti fil-fond Gizimin, Triq il-Hamin, Xewkija,

Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 13666G

**U**

**Alexander Cini**, ta’ 40 sena, iben Pasquale u Adelina nee’ Agius, imwieled Sunshine Victoria Australia, nhar il-15 ta’ Marzu 1973 u residenti fil-fond No. 61, Triq il-Madonna tac-Cicri, Zebbug Ghawdex u detentur tal-karta tal-idenitita bin-numru 31890M.

**U**

**OMISSIS**

**U**

**Joseph Azzopardi,** ta’ 35 sena, iben Alfred u Loreta nee’ Ciantar, imwieled Toronto, York Canada, nhar il-24 ta’ November 1977 u residenti ‘Carissima’, Triq il-Gnien, Ghajnsielem, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 59295M.

**U**

**Herman Mifsud,** ta’ 35 sena, iben Mario u Josephine nee’ Xuereb imwieled ir-Rabat, Ghawdex, nhar il-24 ta’ Mejju 1977 u residenti ‘Malverno’, Pjazza Madonna ta’ Loreto, Ghajnsielem, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 16177G.

**U**

**Lee-Anne Portelli,** ta’ 34 sena, bint Eucaristico Bartolo u Mary nee’ Galea imwielda r-Rabat Ghawdex, nhar is-6 ta’ Novembru 1978 u residenti Holly, Triq Pawlu Portelli, ir-Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 26178G.

**U**

**Sara Buttigieg,** ta' 32 sena bint Publius u Natalina nee' Galea, imwielda r-Rabat Ghawdex, nhar il-25 ta' Lulju 1980 u residenti Ta' Menzja Court, Flat 5, Triq Marsiglia, Sannat, Ghawdex u detentur tal-karta bin-numru 18680G.

**U**

**Dery Joseph Gauci** ta' 31 sena, iben Emanuel u Saverina sive Sylvia nee' Gauci, imwieled r-Rabat Ghawdex, nhar il-11 ta' Jannar 1982 u residenti "True Emotions", Triq il-Karmelitani, Kercem, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 3382G.

**U**

**Darren Xerri,** ta' 29 sena, iben Emanuel u Theresa nee' Cuachi, imwieled ir-Rabat Ghawdex, nhar il-31 ta' Awwissu 1983 u residenti No. 8, Triq Sant' Antnin, Ghajnsielem Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 33383G.

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati talli fil-11 ta' Mejju 2013 u fix-xhur u kif ukoll fis-snin ta' qabel sal-2007 f'diversi postijiet f'dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) Ikkomettew serq ta' flus liema serq huwa aggaravat bil-hin, bil-persuna, bil-lok u bil-valur li jaqbes l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-Kumpanija Gozo Channel u/jew persuni ohra.

U lil Sara Buttigieg wehidha:

2) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ghamlet reat iehor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, liema ordni giet moghtija lilha mil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex).

U lil Darren Xerri wahdu:

3) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi sar recediv skond l-Artiklu 289 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula jew mhassra.

Rat li waqt l-udjenza tallum mizmuma minn din il-Qorti kull wiehed mill-imputati hawn fuq imsemmija ammettew l-imputazzjoni jew imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tathom zmien jikkunsidraw il-posizzjoni taghhom.

Rat il-verbal tal-udjenza tallum stess u d-diversi dikjarazzjonijiet li saru.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi kull wiehed mill-imputati hawn fuq imsemmija ammetta l-imputazzjoni jew imputazzjonjiet migjuba kontra tieghu u ghalhekk dawn huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qeghdin jinstabu hatja l-imputati, il-koperazzjoni taghhom mal-Pulizija, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali taghhom li fil-kaz ta' whud minnhom hija netta u fil-kaz ta' ohrajn ghalkemm mhix netta lanqas m'hi wahda allarmanti. Il-qorti hadet in kunsiderazzjoni wkoll dak li gie vverbalizzat li l-imputati jinsabu fi trattattivi sabiex jissaldaw il-pretensjonijiet tal-kumpanija derubata.

Illi fir-rigward ta' Darren Xerri wara li rat l-artikolu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tenendo kont ta' dak li ntqal fil-paragrafu precedenti ma tqisx li hemm lok ghall-applikazzjoni ta' l-istess artikolu.

Illi fir-rigward ta' Sara Buttigieg tenendo kont ta' dak li ntqal aktar 'il fuq il-qorti hija tal-fehma li f'dan il-kaz huwa aktar opportun li ghandha tpoggi lill-imputata taht ordni ta' probation.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti,

Wara li rat l-artikoli 261, 267, 268, 269, 270, 279 u 280 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lil Paul Said, Anthony Mercieca, Alexander Cini, Joseph Azzopardi, Herman Mifsud, Lee-Anne Portelli, u Dery Joseph Gauci hatja ta' l-imputazzjoni migjuba kontra taghhom u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggihom taht ordni ta' probation ghall-perjodu ta' tliet (3) snin bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghti kontestwalment.

U wara li rat l-artikoli 261, 267, 268, 269, 270, 279, u 280 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 23 tal-Kap 446, fuq ammissjoni ssib lil Sara Buttigieg hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggiha taht ordni ta' probation ghall-perjodu ta' tliet (3) snin bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghti kontestwalment.

U wara li rat l-artikoli 261, 267, 268, 269, 270, 279, 280 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lil Darren Xerri hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghall-perjodu ta' tliet (3) snin bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommettu reat iehor fi zmien tliet snin u jekk ma joqghodux ghall-ordnijiet lilhom moghtija.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta’ din is-sentenza lid-Direttur ta’ l-Ufficcju tal-Probation.

Kopja ta’ din is-sentenza ghandha tintbaghat lill-Avukat Generali skont il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------